**Fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Malta)**
**Onor. Imħallef Dr. Doreen Clarke LL.D**

**Rikors Numru 167/2024DC**

**F'l-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv**
**numru 51/2024 f'l-ismijiet:**

***Christian Wagner***
***(Karta ta' Identita Awstijakka 11561191)***
***debitament rappreżentat mill-mandatarja speċjali tiegħu***
***l-Avv Dr Sarah Sultana (K.I. Nru. 0012581M)***

***vs***

***TSG Interactive Gaming Europe Ltd (C-54266)***

# DEGRIET KAMERALI

Illum, 25 ta' Marzu 2024

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors[1] tas-soċjeta TSG Interactive Gaming Europe Ltd[2] preżentat f'l-14 ta' Frar 2024, permezz ta' liema għar-raġunijiet hemm premessi talbet hekk:

[1] Ai fini ta' dan id-degriet imsejjaħ "ir-rikors odjern".
[2] Ai fini ta' dan id-degriiet imsejħa "is-soċjeta rikorrenti".

1. *Tordna li, sakemm jiġi deċiż dan ir-rikors, b'mod proviżorju tillimita l-effetti tal-mandat ta' sekwestru eżekuttiv 51/2024 fl-ismijiet hawn fuq ċitati b'dan illi ma jsir ebda żbank ta' ċedoli mis-sekwestrant, u dan b'notifika u/jew komunika urġenti lir-Registratur tal-Qrati Ċivili;*

2. *Tordna s-sospensjoni tal-effetti tal-mandat ta' sekwestru eżekuttiv bin-numru ta' referenza 51/2024 fl-ismijiet hawn fuq ċitati kollu kemm hu ai termini tal-artikolu 44(1)(ċ) tar-Regolament (UE) Nru. 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (riformulazzjoni) billi tordna lis-sekwestratarji jirrilaxxaw il-kontijiet tas-soċjeta' esponenti;*

3. *B'mod alternattiv u mingħajr preġudizzju għat-talba preċedenti, tordna li jiġi limitat l-effett tal-mandat ta' sekwestru eżekuttiv bin-numru 51/2024 fl-ismijiet hawn fuq ċitati għal wieħed kawtelatorju ai termini tal-artikolu 44(1)(a) tar Regolament (UE) Nru. 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (riformulazzjoni), b'dan illi ma jsir ebda żbank ta' ċedoli mis-sekwestrant.*

Rat id-digriet mgħoti fit-23 ta' Frar 2024 permezz ta' liema ordnat in-notifika tar-rikors lill-kontroparti bi żmien għar-risposta.

Rat ir-risposta ta' Christian Wagner[3] (kif rappreżentat mill-Avv Dr Sarah Sultana) preżentata f'l-14 ta' Marzu 2024, f' liema risposta l-intimat ikkonkluda jgħid li, mingħajr preġudizzju għall-pożizzjoni tiegħu dwar l-esekuzzjoni tas-sentenza li huwa ottjena mill-qorti kompetenti f'l-Awstrija,

> *Ma jsib l-ebda oggezzjoni illi sakemm ikun hemm eżitu finali fil-proċeduri Numru 171/2024DC f'l-ismijiet TSG Interactive Gaming Europe Limited vs Christian Wagner debitament rappreżentat mill-mandatarja speċjali tiegħu l-Avv. Sarah Sultana, tiġi sospiża l-eżekuzzjoni tas-sentenzi li għandu favurih l-istess esponenti Christian Wagner, fis-sens illi l-mandat ta' sekwestru numru 51/2024 jibqa' wieħed eżekuttiv imma l-esponenti ma jkunx jista' fil-frattemp jiżbanka kwalsiasi flus li*

[3] Ai fini ta' dan id-degriet imsejħa "l-intimat"

*hemm depożitati fil-Qorti in konsegwenza tal-istess mandat ta' sekwestru eżekuttiv numru 2069/2023 minnu intavolat, jew sakemm ma jkunx hemm ftehim mod ieħor bejn il-partijiet. B'dana illi pero lanqas is-soċjeta sekwestrata ma tkun tista' tiżbanka dawn l-istess flus depozitati fil-Qorti.*

Rat l-atti tar-rikors.

Ikkunsidrat

Illi l-fatti fil-qosor li wasslu għall-proċeduri odjerni huma s-segwenti:

- Permezz ta' sentenza mgħotija fit-12 ta' Mejju 2022 mill-qrati ċivili gewwa l-Awstrija[4] is-soċjeta rikorrenti ġiet ikkundannata tħallas lill-intimat is-somma ta' €15,505.36 oltre imgħax u spejjez legali.
- Permezz ta' ittra uffiċjali preżentata fis-16 ta' Ġunju 2022 l-intimat interpella lis-soċjeta rikorrenti biex tħallas l-ammonti imsemmija fis-sentenza, iżda jidher li l-ħlas ma sarx.
- In segwietu l-intimat ottjena l-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru eżekuttiv kontra s-soċjeta rikorrenti, mandat numru 51/2024 għall-kreditu kanoniżżat.
- F'l-14 ta' Frar 2024 is-soċjeta rikorrenti preżentat rikors quddiem din il-Qorti permezz ta' liema qed titlob ir-rifjut ta' rikonoxximent u ta'l-eżekuzzjoni tas-sentenza fuq imsemmija ai termini ta'l-artikoli 45 u 46 tar-Regolament 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (riformulazzjoni) u cioe r-Regolament (UE) 1215/2012[5]. Is-soċjeta rikorrenti tikkontendi li r-rikonoxximent tas-sentenza għandha tiġi rifjutata a bażi ta'l-artikolu 45(1)(a) tar-Regolament u cioe għax dak ir-rikonoxximent huwa manifestament kontra l-istrateġija pubblika (*ordre public*) ta'l-Istat Malti.

Illi permezz tal-proċeduri odjerni s-soċjeta rikorrenti qed tfittex rimedju proviżorju ai termini ta'l-artikolu 44(1) tar-Regolament. Dan jipprovdi hekk:

*Fil-każ ta' talba għal rifjut tal-eżekuzzjoni ta' sentenza skont is-SubTaqsima 2 tat-Taqsima 3, il-Qorti fl-Istat Membru indirizzat*

[4] Regional Court of Weiner Neusradt
[5] Ai fini ta' dan id-degriet imsejjaħ "ir-Regolament".

*tista', fuq it-talba tal-persuna li kontriha qed tintalab l-eżekuzzjoni:*

*(a) tillimita l-proċedimenti tal-eżekuzzjoni għal miżuri kawtolatorji;*

*(b) tissoġġetta l-eżekuzzjoni għall-għoti ta' garanzija li hi tistabbilixxi; jew*

*(c) tissospendi l-proċedimenti tal-eżekuzzjoni kollha kemm huma jew ta' parti minnhom.*

Illi kif intqal l-intimat, mingħajr preġudizzju għall-pożizzjoni tiegħu fil-kawża permezz ta' liema s-soċjeta rikorrenti qed tikkontesta l-enforzar f'Malta tas-sentenza li kkanoniżżat lill-intimat kreditur tagħha, m'għandux oġġezzjoni li l-effetti tal-mandat eżekuttiv li nħareġ fuq talba tiegħu jiġu sospiezi sakemm tiġi finalment deċiża l-kawża tentata mis-soċjeta rikorrenti. L-intimat lanqas m'għandu oġġezzjoni li kwalunkwe flus depożitati l-Qorti in forza ta'l-imsemmi mandat jibqgħu hekk depożitati ukoll sakemm tiġi deċiza l-istess kawża.

Illi għal kull bon fini għandu jingħad li mill-ati tar-rikors odjern ma jidhirx li saru xi depożiti in segwietu għall-ħruġ tal-mandat.

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta u tiddeciedi billi:

1. **Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta'l-ewwel talba** stante li ma jidhirx li sar xi depożitu ta' flus u fi kwalunkwe każ din kienet intiża biex tingħata miżura proviżorja sakemm jigi deċiz definittivament ir-rikors odjern.

2. **Tilqa' t-tieni talba** fis-sens illi qed tordna illi ghandhom ikunu sospizi l-effetti tal-Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv numru 51/2024 akkordat fil-15 ta' Jannar 2024 skond l-artikolu 44(1)(ċ) tar-Regolament (UE) 1215/2012, iżda dan sa fejn tolqot biss it-tiġbid min-naħa ta' kwalunkwe wieħed mill-partijiet ta' flejjes li ġew jew għad iridu jiġu depożitati mis-sekwestratarji u dana sakemm tiġi deċiża b'mod definittiv jew tiġi ċeduta l-kawża bin-Numru 171/2024 fl-ismijiet *Christian Wagner (Karta ta' Identita Awstijakka 11561191) debitament rappreżentat mill-mandatarja speċjali tiegħu l-Avv Dr Sarah Sultana (K.I. Nru. 0012581M).*

3. **Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tielet talba** rikorrenti stante li din hija alternattiva għall-ewwel żewġ talbiet; u

4. **Tordna notifika ta’ dan id-digriet lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili**, sabiex jieħu konjizzjoni tiegħu.

Spejjez ta’ dawn il-proċeduri riżervati għall-ġudizzju finali.

Kopja ta’ dan id-digriet għandu jiġi notifikat elettronikament lil Dr Joseph Mizzi u Dr Sarah Sultana.

**DR. DOREEN CLARKE**
**IMĦALLEF**